**8 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel L. Agius B.A. LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

N.N.

*versus*

N.N.

**Żwieġ - Nullita' - L-Artikolu 20 ta' l-Att XXXVII ta' l-1975**

*F'każ ta' żwieġ li jkun iddikjarat null il-parti in malafede hija obbligata*

*tħallas manteniment lill-parti in bona fede. Dan skond l-artikolu 20(5) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975.*

*Dan is-subartikolu ma jidhirx li qiegħed jikkontempla l-każ fejn iż-żewġ partijiet ikunu in bona fede. F'każ bħal dan il-Qorti trid tirreferi għas-subartikolu 1 fejn il-liġi tipprovdi li sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret* res judicata *jeżistu l-effetti kollha taż-żwieġ b'mod li, għaż-żmien stipulat fis-subartikolu 5, għandhom japplikaw il-prinċipji normali dwar l-alimenti bejn il-miżżewġin.*

Il-Qorti:-

Permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Frar, 1990 l-attur ippremetta illi kien ikkuntratta żwieġ mal-konvenuta fit-23 ta' Diċembru, 1979;

Fiż-żmien taż-żwieġ hija ma kellhiex setgħat intellettwali minħabba mard mentali biex ikun jista' jinħoloq il-kunsens li huwa rekwiżit għaż-żwieġ. Dan il-kunsens kien għahekk vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq x'tirrikjedi l-ħajja miżżewġa fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ;

Illi għalhekk huwa talab a tenur ta' l-artikolu 19 ta' l-Att Nru. XXXVII ta' l-1975, li ż-żwieġ jiġi ddikjarat null u dana wkoll skond l-artikolu 20 mhux għar-raġunijiet lilu imputabbli;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet mitluba għalhekk tiddikjara żwieġ null u bla effett u tiddikjara wkoll li skond l-artikolu 20 bartikolu 5 tal-fuq imsemmi Att teżonera lill-istess attur milli llas manteniment lill-konvenuta;

Miż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal, li fiż-żmien tal-

preżentata taċ-ċitazzjoni kellhom disa' (9) snin u sentejn u nofs (2 $^{1}/_{2}$) rispettivament, u t-tnejn kienu jgħixu ma' l-attur (ara verbal tal-5 ta' Mejju, 1990);

Minkejja li l-konvenuta, debitament notifikata, ma ppreżentatx Nota ta' l-Eċċezzjonijet skond il-liġi, ġustament il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'każ bħal dan, ma qiesetx li l-kontumaċja tagħha kellha jkollha dawk l-effetti li solitu jkollha f'kawżi oħra;

Infatti fil-5 ta' April, 1991 l-istess Qorti nnominat lill-avukat Dr. Joe Refalo bħala perit legali, u lit-tabib Dr. Joe Pullicino bħala perit psikjatra;

Ir-rapport peritali ġie ppreżentat mill-perit legali fit-22 ta' Mejju, 1992 liema rapport peritali wkoll jinkludi r-rapport tal-perit psikjatra li jġib id-data tas-6 ta' Marzu, 1992. Ġiet preżentata Nota ta' Kritika fuq dan ir-rapport mill-istess attur;

Il-kawża ġiet deċiża fit-12 ta' Frar, 1993 u l-parti relevanti tagħha hekk tgħid:

*Omissis*;

"Illi għalhekk ma jidhirx li hemm dubbju illi anke fil-mument meta l-konvenuta tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ, hija kienet affetta bl-istess marda u għalhekk hija ma kellhiex setgħat intelletwali u ta' rieda biżżejjed biex jista' jinħoloq il-kunsens taż-żwieġ u dan minħabba marda mentali;

Illi fit-tieni talba tiegħu l-attur jikkontendi illi hu ma kienx responsabbli għan-nullita` taż-żwieġ u għaldaqshekk kellu jiġi

eżonerat mill-obbligu li huwa jħallas manteniment lill-konvenuta";

*Omissis*;

"Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tħossx li għandha tiddikjara illi l-attur ma għandu l-ebda responsabbilta' għan-nullita' taż-żwieġ b'mod li jiġi eżonerat mill-obbligu tal-manteniment, kif trid il-kawża ħalli tiġi milqugħa t-tieni domanda;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel domanda u tiddikjara li ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Diċembru, 1979 huwa null u bla effett u dan a tenur tad-disposizzjoni 19 ID ta' l-att taż-żwieġ, filwaqt li tiċħad it-tieni domanda kkontenuta fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

Minn din is-sentenza sar appell mill-attur permez ta' nota pprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-19 ta' Frar, 1993 u permezz ta' petizzjoni ta' l-appell li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1993. Dwar din, din il-Qorti tħoss li anke f'dan l-istadju għandha tiddeplora bil-qawwa l-kliem użati mill-istess attur fil-petizzjoni tiegħu li jinstabu a fol. 116 tal-proċess partikolarment dawk fil-5 paragrafu ta' l-istess petizzjoni. U b'mod partikolari għall-użu tal-kelma 'jwikkuha' meta qed jitkellem fuq persuna umana li wara kollox kienet martu;

Dan huwa l-ilment ta' din il-Qorti;

L-ilment prinċipali ta' l-attur inveċe huwa li hu ma kien bl-

ebda mod responsabbli għall-fatti li jwasslu għan-nullita` ta' dan iż-żwieġ u kien biss il-mard mentali ta' l-istess konvenuta li kien il-kaġun ta' dan, u għalhekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet żbaljata meta attribwiet parti mir-raġunijiet lill-aġir tiegħu;

Jirriżulta li l-konvenuta ma tantx kellha tfulija kuntenta. Minħabba li ma kinitx taqbel mal-ġenituri tagħha, u kienu jaħqruha, kienet tgħix mas-sorijiet. Ta' sittax-il sena marret taħdem, u kien meta kienet qed taħdem bħala domestika ma' familja Tas-Sliema li l-attur iltaqa' magħha l-ewwel darba. Huma ħadu grazzja ma' xulxin, bdew joħorġu flimkien u wara ċertu żmien saru għarajjes. L-attur isostni li minħabba x-xogħol tiegħu ma tantx kien jiltaqa' ta' spiss ma' l-istess konvenuta qabel ma huma żżewġu, u kien iltaqa' biss darba mal-ġenituri tagħha, għax hi ma kinitx taqbel magħhom. Dwar l-intenzjoni tiegħu biex jiżżewweġ, hu jgħid li ta' sebgħa u għoxrin sena ħassu beda jikber, ried jinġabar, pero` hu wkoll kien jgħix ma' nannuh, u ried lil xi ħadd jgħinu biex jieħu ħsieb lill-istess nannuh. Huwa ta' min jgħid minn issa li kienet din il-versjoni tar-raġunijiet li ta l-attur li waslet lill-Prim'Istanza biex tasal għad-deċiżjoni li wasslet għaliha;

*Omissis*;

L-attur jibbaża dawn il-konsiderazzjonijiet fuq l-artikoli 19 u 20 ta' l-Att XXXVII ta' l-1975. Effettivament, iż-żewġ artikoli li huwa jsemmi ġew sostanzjalment emendati bl-Att Nru. XXIV ta' l-1981. Hekk jipprovdi l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"Minflok l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

19.1 B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skond xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att. Żwieġ ikun null - (a) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiser bi vjolenza, sew fiżika, sew morali jew biża; (b) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun eskluż minħabba żball fuq l-identita` tal-parti l-oħra; (ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa; (d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Dan is-subinċiż (d) li daħal f'din l-emenda huwa s-subin ;iż relevanti għall-każ preżenti, u għalhekk il-Qorti mhix sejra tikkwota dak li huwa pprovdut mis-subinċiż (e) sas-subinċiż (ħ);

L-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1981 hekk jipprovdi:

"Minflok l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

20.1 Jekk żwieġ ikun iddikjarat null, l-effetti taż-żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullita` tkun saret *res judicata* ta' meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fede.

20.2 L-effetti taż-żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ iddikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dan iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-

se ·tenza ta' nullita`;

20.3 Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fede dawn l-effetti japplikaw favur tagħha a favur l-ulied;

20.4 Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fede l-effetti taż-żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li *jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ iddikjarat null;*

20.5 Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullita` taż-żwieġ, ikun obbligat li jħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fede għall-perijodu ta' 5 snin liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fede tiżżewweġ matul dak iż-żmien;

Dan is-subartikolu 5 meħud mas-subartikoli l-oħra huwa ferm infeliċi fid-diċitura tiegħu. Waqt li jgħid "minkejja kull disposizzjoni oħra", jindika li huwa qiegħed jikkontempla l-każ fejn waħda mill-*partijiet tkun in bona fede u l-oħra le. Altrimenti ma kienx* jitkellem fuq l-obbligazzjoni tal-ħlas ta' manteniment lill-parti li tkun in bona fede;

Dan is-subartikolu għalhekk ma jidhirx li qiegħed jikkontempla l-każ fejn iż-żewġ partijiet ikunu in bona fede. Din il-Qorti jidhrilha li l-intepretazzjoni korretta f'dan il-każ huwa li *l-*Qorti trid, anke fuq l-obbligu tal-manteniment, tirreferi għas-subartikolu 1 fejn iż-żewġ partijiet ikunu in bona fede. F'dan il-każ, il-liġi hija tant ċara li sakemm is-sentenza ta' nullita` tkun saret *res judicata* jeżistu l-effetti kollha taż-żwieġ;

Meħudin dawn iż-żewġ artikoli flimkien, din il-Qorti għandha

tasal għall-konklużjoni li peress li wieħed mill-effetti taż-żwieġ huwa l-provvediment ta' l-alimenti, meta ż-żewġ partijiet ikunu in bona fede m'għandux japplika s-subartikolu 5 jew aħjar għandhom, għaż-żmien hemm stipulat, japplikaw il-prinċipji normali dwar l-alimenti bejn il-miżżewġin. Dawn il-prinċipji, kif ukoll emendati permezz ta' l-Att Nru. XXI ta' l-1993, jimponu fuq il-miżżewġin li:

".... jieqfu ma' xulxin, kemm moralment, kif ukoll materjalment";

u li

".... imantnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja";

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-konvenuta, minkejja li forsi kellha xi nuqqasijiet fejn ma avżatx lir-raġel li anke qabel iż-żwieġ kienet tieħu xi pilloli, kienet effettivament fiż-żmien taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ in mala fede;

Jidher li hija ppruvat tadempixxi l-obbligi li jinħolqu permezz ta' din ir-rabta. Pero' mill-fatti huwa wkoll ovvju li hija ma setgħetx tkompli taqdi dawn id-dmirijiet, partikolarment mat-tqala tat-tieni tarbija, għax l-anomalija psikoloġika li hija kellha li kienet ġenetika, iddeterjorat;

Din il-Qorti ma jidhriliex li l-interpretazzjoni u s-sanzjoni preskritta mis-subartikolu 5 li hija kważi f'natura ta' penali għal dak mill-miżżewġin li jkun ikkontratta żwieġ li jiġi ddikjarat null meta hu kien in mala fede, għandu japplika fil-konfront tal-

konvenuta fil-każ preżenti, u dan, eżaminat il-fatti kollha ta' dan iż-żwieġ infeliċi;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell qed jiġi miċħud, u s-sentenza appellata minkejja li għal raġunijiet differenti qiegħda tiġi kkonfermata;

Stante wkoll in-natura partikolari tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn l-istess partijiet.